

Brussell, 9 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11328/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0051 (COD)**

**CODEC 982
ENER 354
ENV 668
CLIMA 254
IND 253
RECH 320
COMPET 699
ECOFIN 962
PE 46**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938 fir-rigward tar-rwol tal-ħżin tal-gass għall-iżgurar tal-provvisti tal-gass qabel l-istaġun tax-xitwa - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, mis-7 sal-10 ta' Lulju 2025)

I. INTRODUEZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u mad-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar din il-proposta fl-ewwel qari.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE), Borys BUDKA (PPE, PL), ippreżenta f'isem il-Kumitat ITRE emenda ta' kompromess (l-emenda numru 9) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq, li għaliha kien ħejja abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula waqt il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

Barra minn hekk, Sarah KNAFO (ESN, FR) u Markus BUCHHEIT (ESN, DE) ressqu l-emendi 10 sa 15 u l-emendi 16 sa 18 rispettivament.

II. VOT

Meta vvotat fit-8 ta' Lulju 2025, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 9) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Ma ġiet adottata l-ebda emenda oħra. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tidher fl-Anness hawnhekk².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru qabel bejn l-istituzzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kunsill ikun fpożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad ikun adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet mat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P10_TA(2025)0140

Ir-rwol tal-ħżin tal-gass għall-iżgurar tal-provvisti tal-gass qabel l-istaġun tax-xitwa

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938 fir-rigward tar-rwol tal-ħżin tal-gass għall-iżgurar tal-provvisti tal-gass qabel l-istaġun tax-xitwa (COM(2025)0099 – C10-0041/2025 – 2025/0051(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0099),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0041/2025),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' Marzu 2025¹,
 - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-27 ta' Ġunju 2025, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A10-0079/2025),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha,

¹ ĠU C, C/2025/2967, 16.6.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/2967/oj>.

temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tat-8 ta' Lulju 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938 fir-rigward tar-rwol tal-ħżin tal-gass għall-iżgurar tal-provvisti tal-gass qabel l-istaġun tax-xitwa

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw l-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ ĠU C, C/2025/2967, 16.6.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/2967/oj>.

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2025.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ ġie adottat b'reazzjoni għall-kriżi tal-provvista tal-gass u għaż-żidiet bla preċedent fil-prezzijiet tal-gass ikkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna minn Frar 2022, li ġiegħlu lill-Unjoni taġixxi b'mod koordinat u komprensiv biex tevita riskji potenzjali li jirriżultaw minn aktar interruzzjonijiet fil-provvista tal-gass.

- (2) *Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-Unjoni għandha l-għan li tkompli tavanza l-indipendenza tagħha mill-enerġija Russa. Dan jenfasizza l-urġenza li jiġu żgurati provvisti ta' enerġija alternattivi minn sħab internazzjonali permezz tal-LNG jew tal-gass bil-pipeline, mingħajr ma jinħolqu dipendenzi ġodda. F'dak il-kuntest, l-iżgurar ta' provvisti alternattivi ta' enerġija minn sħab affidabbli se jkun kritiku. Fis-17 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal regolament biex telimina gradwalment u bis-sħiħ l-importazzjonijiet tal-gass Russu fl-Unjoni, li tinkludi, b'mod partikolari, emenda għar-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴. Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni tinkludi miżuri li jippermettu l-introduzzjoni ta' sistema robusta u effiċjenti ta' traċċar tal-gass Russu li jaqsam il-fruntiera tal-Unjoni. Tali miżuri jgħinu wkoll fil-monitoraġġ ta' jekk il-gass Russu huwiex mażzun fl-Unjoni. It-tneħħija gradwali sħiħa tal-importazzjonijiet tal-gass Russu se tippermetti t-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħażna tal-gass stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/1938, u tgħin lill-Unjoni biex ikollha sistema tal-enerġija aktar reżiljenti. Fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jenħtieġ li l-Unjoni tavanza malajr lejn indipendenza sħiħa mill-fjuwils fossili Russi. L-estensjoni tal-miżuri rigward il-livell tal-mili tal-faċilitajiet ta' ħżin tal-gass mhux biss tikkontribwixxi għas-salvagwardja kontinwa tas-sigurtà tal-provvista, iżda tikkostitwixxi wkoll strument ewlieni fl-isforzi tal-Unjoni biex telimina d-dipendenza tagħha fuq l-importazzjonijiet ta' gass li joriġinaw mir-Russja.*

³ Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009 fir-rigward tal-ħżin tal-gass (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/1032/oj>).

⁴ *Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 (ĠU L 280, 28.10.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1938/oj>).*

- (3) Ir-Regolament (UE) 2022/1032 emenda r-Regolament (UE) 2017/1938 billi introduċa qafas legali temporanju għal miżuri rigward il-livell tal-mili tal-faċilitajiet ta' ħżin tal- **gass** biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Unjoni, b'mod partikolari l-provvisti tal-gass lill-klijenti protetti.

- (4) Il-faċilitajiet ta' ħżin tal-gass jaħżnu gass li jammonta għal 30 % tal-konsum tal-gass tal-Unjoni matul ix-xhur tax-xitwa, u l-faċilitajiet ta' ħżin ta' gass taħt l-art mimlija sew ***kif ukoll it-tnaqqis volontarju fid-domanda għall-gass*** jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għas-sigurtà tal-provvista tal-gass billi jipprovdu gass addizzjonali f'każ ta' ***diffikultajiet fl-adegwatezza tal-provvista u tad-domanda*** jew f'każ ta' interruzzjonijiet fil-provvista.
- (5) L-istabbiliment ta' mira vinkolanti tal-mili u ta' trajettorja għall-mili b'sensiela ta' miri intermedji għal kull Stat Membru fi Frar, Mejju, Lulju u Settembru biex jiġi żgurat li l-faċilitajiet ta' ħżin tal-gass ikunu 90 % mimlijin sal-1 ta' Novembru ta' sena rispettiva, irriżulta fundamentali matul il-kriżi tal-enerġija kkawżata ***mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna***, kemm biex jirreżisti n-nuqqasijiet fil-provvista tal-gass kif ukoll biex jitnaqqsu l-inċertezzi tas-suq u l-volatilità tal-prezzijiet.
- (6) Minkejja t-titjib sostanzjali fl-istat tas-suq tal-gass meta mqabbel mal-perjodu 2022-2023, is-suq Ewropew tal-gass għadu riġidu ***u s-sitwazzjoni ġeopolitika għadha mhijiex ċara***. Kompetizzjoni aktar intensa għall-provvisti globali tal-LNG tista' żżid l-esponiment tal-Istati Membri għall-volatilità tal-prezzijiet. F'dawk ***il-każijiet***, ir-rwol tal-ħażniet tal-gass jibqa' ta' importanza kbira. ■

- (7) Skont ir-Regolament (UE) 2017/1938, l-obbligu tal-Istati Membri li jsegwu trajettorja annwali għall-mili u li jiżguraw li l-mira tal-mili tintlaħaq sal-1 ta' Novembru ta' kull sena, jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2025.
- (8) *L-ambjent politiku globali mibdul irid jitqies fir-rigward tal-affidabbiltà tal-fornituri tal-gass u tal-pajjiżi li jfornu l-gass.*
- (9) *Fid-dawl tas-suċċess Ewropew li jitnaqqsu r-riskji marbuta mal-istruttura tal-importazzjoni tal-gass tagħha, il-qafas ġenerali biex tiġi ssodisfata l-ħtieġa tal-Unjoni għall-gass jenħtieġ isib bilanċ bejn is-sigurtà tal-enerġija u r-ritorn għall-prinċipji bbażati fuq is-suq. Għaldaqstant, jenħtieġ ikun flessibbli biżżejjed matul l-istaġun tal-mili biex jippermetti reazzjoni rapida għall-kundizzjonijiet tas-suq li jinbidlu b'mod kostanti u, b'mod partikolari, biex jittieħed vantaġġ mill-aħjar kundizzjonijiet tax-xiri sabiex il-prezzijiet tal-gass fl-Ewropa jitnaqqsu. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jilħqu l-mira tal-mili fi kwalunkwe mument bejn l-1 ta' Ottubru u l-1 ta' Diċembru, filwaqt li jitqies il-bidu tal-perjodu tal-irtirar tal-ħżin ta' gass tal-Istati Membri, mingħajr ma jkun meħtieġ li jinżamm il-livell tal-ħżin li jikkorrispondi għall-mira tal-mili sal-1 ta' Diċembru.*

- (10) L-għan *tat-trajettorji* għall-mili, *stabbiliti* mill-Istati Membri *kull sena biex jirrappreżentaw il-pjan annwali tal-mili tagħhom*, huwa li jiġi żgurat li tintlaħaq il-mira vinkolanti *tal-mili matul il-perjodu mill-1 ta' Ottubru sal-1 ta' Diċembru f'sena partikolari*. Madankollu, *it-trajettorju għall-mili jenħtieġ li jkun* indikattiv u jenħtieġ li jippermetti mili tal-ħżin b'tali mod li jkun hemm flessibbiltà suffiċjenti disponibbli għall-parteċipanti fis-suq matul is-sena, *filwaqt li titqies titqies ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2025)1481 tal-5 ta' Marzu 2025 dwar l-implimentazzjoni tal-miri tal-mili tal-ħżin ta' gass fl-2025*.
- (11) *Fil-każ ta' kundizzjonijiet diffiċli, bħal indikazzjonijiet ta' attivitajiet kummerċjali li jfixklu l-mili kosteffettiv tal-ħażniet, firxa baxxa tal-prezzijiet staġjonali, prezz għoli ambjentali, livelli ta' ħażna taħt it-trajettorja fil-livell tal-Istat Membru jew ċirkostanzi tekniċi mhux previsti li jagħmlu l-injezzjoni tal-ħażna diffiċli u għalja, u jillimitaw il-kapaċità li jiġi żgurat li l-ħażniet tal-gass jimtew f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1938, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jiddevjaw mill-mira tal-mili sa għaxar punti perċentwali*.

- (12) *Barra minn hekk, fil-każ ta' kundizzjonijiet tas-suq sfavorevoli persistenti, bħal indikazzjonijiet ta' manipulazzjoni possibbli tas-suq, jew ta' attivitajiet ta' negozjar li jfixklu l-mili kosteffettiv tal-ħżin, li jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità li jiġi żgurat li l-ħażniet ta' gass jimtlew f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1938, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tkompli żżid il-livell ta' devjazzjoni permess permezz ta' att delegat. Jenħtieġ li dik iż-żieda ma taqbiżx ħames punti perċentwali addizzjonali.*
- (13) Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-qafas attwali tas-sigurtà tal-enerġija kkonfermat l-impatt pożittiv tar-rekwiżiti tal-mili tal-ħażniet fuq is-sigurtà tal-provvista tal-gass u jenħtieġ li dawk l-effetti pożittivi jiġu ppreservati wara l-2025.
- (14) *Fl-istess ħin, dan ir-Regolament jenħtieġ li jindirizza l-bidliet attwali u futuri fis-swieq tal-gass, jikkontribwixxi għall-objettiv strateġiku li jitnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija u jiffaċilita r-ritorn gradwali lejn mekkaniżmi bbażati fuq is-suq għall-mili mill-ġdid tal-ħażniet.*

- (15) *Sabiex tinżamm is-sigurtà tal-provvista u l-livell xieraq ta' mili tal-faċilitajiet ta' ħżin tal-gass, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja kontinwament is-sug u tesplora modi li jistgħu jgħinu biex tintlaħaq il-mira tal-mili, pereżempju billi jsir użu aktar effikaċi tal-opportunitajiet offruti mill-mekkaniżmi ta' aggregazzjoni tad-domanda u xiri konġunt stabbiliti skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2576⁵.*
- (16) Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu estiżi *sal-aħħar tal-2027* id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-mili tal-ħżin ta' gass li jipprovdu prevedibbiltà u trasparenza fir-rigward tal-użu tal-faċilitajiet ta' ħżin tal-gass madwar l-Unjoni, *filwaqt li fl-istess ħin tiġi introdotta ftit flessibbiltà f'dawn id-dispożizzjonijiet.*
- (17) *Meta jitqies li d-dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-mili tal-ħżin ta' gass jenħtieġ li japplikaw b'urġenza qabel il-bidu tal-istaġun tax-xitwa li jmiss sabiex l-Istati Membri jilħqu l-mira tagħhom fil-ħin, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

⁵ *Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2576 tat-19 ta' Diċembru 2022 li jsaħħaħ is-solidarjetà permezz ta' koordinazzjoni aħjar tax-xiri tal-gass, parametri referenzjarji affidabbli tal-prezzijiet u skambji transfruntieri tal-gass (ĠU L 335, 29.12.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2576/oj>)*

- (18) *F'konformità mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar u simplifikazzjoni, u fid-dawl tat-titjib ġenerali fil-qafas tas-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jevita li jintroduċi kumplessità amministrattiva mhux neċessarja.*
- (19) *Kif deskritt fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2025 intitolata "Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli", il-kriżi tal-enerġija reċenti, l-aktar waħda severa li rat l-Ewropa s'issa, enfasizzat l-importanza ta' koordinazzjoni fil-livell tal-UE fil-ġestjoni taż-żidiet qawwija fil-prezzijiet fis-suq intern. Biex tiżdied ir-reżiljenza fid-dawl ta' kwalunkwe kriżi tal-enerġija futura possibbli, l-Istati Membri jeħtieġu għodod għal azzjoni effettiva u l-qafas regolatorju tas-sigurtà tal-provvista jeħtieġ li jissaħħaħ, filwaqt li jinkorpora t-tagħlimiet meħuda mill-iżviluppi reċenti. Fost kwistjonijiet oħra, il-kunċett ta' klijenti protetti, il-prevenzjoni tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern, kif ukoll ir-rwol ta' sorsi ta' enerġija alternattivi għall-gass bħal sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-idroġenu, flimkien mar-rwol tal-effiċjenza enerġetika, f'taħlita ta' enerġija li qed tevolvi jenħtieġ li jingħataw il-konsiderazzjoni dovuta.*
- (20) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/1938 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2017/1938 huwa emendat kif ġej:

(1) *fl-Artikolu 2, il-paragrafu (27) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"(27) "trajettorja għall-mili" tfisser serje ta' miri intermedji indikattivi għall-faċilitajiet ta' ħżin ta' gass taħt l-art ta' kull Stat Membru, li jirrappreżentaw il-pjan ta' mili ta' dak l-Istat Membru, stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 6a(7);"

(2) *l-Artikolu 6a huwa emendat kif ġej:*

(a) *fil-paragrafu 1, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:*

"1. Soġġetti għall-paragrafi 2 sa 5f, l-Istati Membri għandhom jilħqu l-miri tal-mili li ġejjin għall-kapaċità aggregata tal-faċilitajiet kollha ta' ħżin ta' gass taħt l-art li jinsabu fuq it-territorju tagħhom u li huma interkonnessi direttament ma' żona tas-suq fit-territorju tagħhom u għall-faċilitajiet ta' ħżin elenkati fl-Anness Ib fi kwalunkwe mument bejn l-1 ta' Ottubru u l-1 ta' Diċembru kull sena:"

(b) jżdziedu l-paragrafi li ġejjin:

'5a. Minkejja l-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' Stati Membri oħra li jimlew il-faċilitajiet ta' ħżin ta' gass taħt l-art ikkonċernati, fil-każ ta' kundizzjonijiet diffiċli li jillimitaw il-kapaċità li jiġi żgurat li l-ħżin ta' gass taħt l-art jimtlew f'konformità ma' dan ir-Regolament, kull Stat Membru jista' jiddeċiedi li jiddevja mill-mira tal-mili stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (b) sa 10 punti perċentwali.

5b. Minkejja l-paragrafu 1, minbarra devjazzjoni possibbli f'konformità mal-paragrafu 5a u mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' Stati Membri oħra li jimlew il-faċilitajiet ta' ħżin ta' gass taħt l-art ikkonċernati, kull Stat Membru jista' jiddeċiedi li jiddevja mill-mira tal-mili stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (b) sa ħames punti perċentwali, jekk:

- (a) il-produzzjoni nazzjonali tal-gass tiegħu taqbeż il-konsum annwali medju tal-gass tiegħu matul is-sentejn preċedenti; jew*
- (b) il-karatteristiċi tekniċi speċifiċi ta' faċilità individwali ta' ħżin taħt l-art b'kapaċità teknika 'il fuq minn 40 TWh li tinsab fit-territorju tiegħu jeħtieġu rata ta' injezzjoni bil-mod li tikkawża perjodu ta' injezzjoni eċċezzjonalment twil ta' aktar minn 115 jum.*

Stat Membru jista' juża biss il-flessibiltajiet ipprovduti skont l-ewwel subparagrafu, sakemm dan ma jkollux impatt negattiv fuq il-kapaċità tal-Istati Membri konnessi direttament li jfornu l-gass lill-klijenti protetti tagħhom jew sakemm dan ma jkollux impatt negattiv fuq il-funzjonament tas-suq intern tal-gass. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri li li jkunu qed jużaw il-flessibiltajiet imsemmija f'dan is-subparagrafu, għandha tivvaluta l-konsegwenzi potenzjali tal-implimentazzjoni ta' dawk il-flessibiltajiet, u tinforma lill-GCGminnufih.

5c. *Fil-każ ta' kundizzjonijiet tas-suq sfavorevoli persistenti u dment li s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni u tal-Istati Membri ma tiġix imminata, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li żżid, għal staġun ta' mili wieħed, il-livell ta' devjazzjoni permess skont il-paragrafu 5a ta' dan l-Artikolu, permezz ta' att delegat f'konformità mal-Artikolu 19. Tali żieda ma għandhiex taqbeż ħames punti perċentwali addizzjonali. Meta tkun qed tivvaluta żieda potenzjali, il-Kummissjoni għandha tqis, b'mod partikolari, il-livell tal-mili tal-ħżin, il-provvista globali tal-gass, il-prospettiva staġjonali ta' provvista tal-ENTSOG, u indikazzjonijiet ta' manipulazzjoni tas-suq. Meta żżid, f'konformità ma' dan il-paragrafu, il-livell ta' devjazzjoni permess skont il-paragrafu 5a ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadatta l-volumi stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 6c(1) u (5) bl-istess mod, sabiex tiżgura konsistenza sħiħa fil-miri tal-mili applikabbli għall-Istati Membri.*

- 5d L-Istati Membri jistgħu, bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti fil-paragrafu 5a, jiddeċiedu li jiddevjaw sa tliet punti perċentwali u tmienja u tmenin fil-mija mill-volum stabbilit fil-paragrafu 2.*
- 5e. L-Istati Membri jistgħu, bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti fil-paragrafu 5a ta' dan l-Artikolu, jiddeċiedu li jiddevjaw sa punt perċentwali u sitta u sittin fil-mija mill-volum tal-konsum annwali medju tal-gass stabbilit fl-Artikolu 6c(1) u (5).*
- 5f. Stat Membru li juża kwalunkwe waħda mill-flessibiltajiet previsti fil-paragrafi 5a u 5e għandu jikkonsulta lill-Kummissjoni u jipprova diġustifikazzjoni minnufih. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-GCG u lil kwalunkwe Stat Membru affettwat direttament dwar l-effetti kumulattivi tal-flessibiltajiet użati kollha mingħajr dewmien.";*
- (c) il-paragrafi 6, 7 u 8 huma sostitwiti b'dan li ġej:*
- "6. Sabiex tintlaħaq il-mira tal-mili, l-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom biex isegwu t-trajettorja għall-mili stabbilita f'konformità mal-paragrafu 7.*

7. *Għall-2023 u għas-snin ta' wara, kull Stat Membru b'faċilitajiet ta' ħżin ta' gass taħt l-art għandu jippreżenta lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Settembru tas-sena ta' qabel, trajettorja għall-mili b'miri intermedji għall-Frar, Mejju, Lulju u Settembru, inkluż informazzjoni teknika, għall-faċilitajiet ta' ħżin ta' gass taħt l-art fit-territorju tiegħu u li jkunu interkonnessi direttament maż-żona tas-suq tiegħu f'forma aggregata. It-trajettorja għall-mili u l-miri intermedji għandhom ikunu bbażati fuq ir-rata medja tal-mili matul il-ħames snin preċedenti.*

Għall-Istati Membri li għalihom l-mira tal-mili titnaqqas għal 35 % tal-konsum annwali medju tagħhom ta' gass skont il-paragrafu 2, il-miri intermedji tat-trajettorja għall-mili għandhom jitnaqqasu skont dan.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-GCG dwar it-trajettorji għall-mili aggregati ppreżentati mill-Istati Membri mingħajr dewmien żejjed.

8. *Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 6b biex jilħaq il-mira tal-mili. Meta, fi kwalunkwe sena partikolari, Stat Membru ma jilħaqx il-mira tiegħu tal-mili, hu għandu jieħu miżuri effettivi biex jiżgura s-sigurtà tal-provvista filwaqt li jqis ukoll l-impatt tal-prezz fuq is-suq tal-gass naturali. Meta Stat Membru jonqos milli jilħaq il-mira tal-mili, dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-GCG mingħajr dewmien, filwaqt li jipprovdi r-raġunijiet il-għala ma laħaqx il-mira tal-mili u l-miżuri li ħa.";*

(d) il-paragrafi 10 u 11 huma sostitwit b'dan li ġej:

"10. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru tista' tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 6b biex tilħaq it-trajettorja għall-mili, inkluża l-introduzzjoni ta' miri intermedji vinkolanti fil-livell nazzjonali. Għandha timmonitorja kontinwament l-allinjament mat-trajettorja għall-mili u għandha tinforma lill-GCG regolarment bl-allinjament mat-trajettorja għall-mili. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-GCG dwar sa liema punt kull Stat Membru jilħaq t-trajettorja indikattiva.

11. *Fil-każ ta' devjazzjoni sostanzjali u persistenti minn Stat Membru mit-trajettorja għall-mili, li tikkomprometti l-ilħuq tal-mira tal-mili, jew fil-każ ta' devjazzjoni mill-mira tal-mili li mhijiex permessa skont il-paragrafi 5a sa 5e, il-Kummissjoni għandha, meta xieraq, wara li tikkonsulta l-GCG u l-Istati Membri kkonċernati, toħroġ rakkomandazzjoni lil dak l-Istat Membru jew lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati, rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu biex tiġi rimedjata dik id-devjazzjoni jew biex jiġi minimizzat l-impatt fuq is-sigurtà tal-provvista, filwaqt li tqis, fost l-oħrajn, il-kundizzjonijiet diffiċli possibbli jew il-kundizzjonijiet sfavorevoli possibbli tas-suq kif ukoll l-ispeċifitàjiet tal-Istati Membri, bħall-karatteristiċi tekniċi u d-daqs tal-faċilitajiet ta' ħżin ta' gass taħt l-art fir-rigward tal-konsum domestiku tal-gass, l-importanza dejjem tonqos tal-faċilitajiet ta' ħżin ta' gass taħt l-art b'valur kalorifiku baxx għas-sigurtà tal-provvista tal-gass, u l-kapaċità eżistenti ta' ħżin tal-LNG.";*

(3) *fl-Artikolu 6b, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"2. Il-miżuri meħuda mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu limitati għal dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu t-trajettorji għall-mili, fejn rilevanti, u l-miri tal-mili. Il-miżuri kollha meħuda skont l-Artikolu 6a(8) u (10) għandhom ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti, proporzjonati, nondiskriminatorji u verifikabbli. Ma għandhomx ifixklu bla bżonn il-kompetizzjoni jew il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass jew jipperikolaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass ta' Stati Membri oħra jew tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-GCG b'dawk il-miżuri mingħajr dewmien.";

(4) *l-Artikolu 6c huwa emendat kif ġej:*

(a) *fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"1. Stat Membru mingħajr faċilitajiet ta' ħżin ta' gass taħt l-art għandu jiżgura li parteċipanti fis-suq f'dak l-Istat Membru jkollhom stabbiliti arranġamenti ma' operaturi tas-sistema tal-ħżin taħt l-art jew ma' parteċipanti oħra fis-suq fl-Istati Membri b'faċilitajiet ta' ħżin ta' gass taħt l-art. Dawk l-arranġamenti għandhom jipprevedu l-użu, sal-1 ta' Diċembru, tal-volumi tal-ħżin li jikkorrispondu għal tal-anqas 15 % tal-konsum annwali medju tal-gass tul il-ħames snin preċedenti tal-Istat Membru mingħajr faċilitajiet ta' ħżin ta' gass taħt l-art. Madankollu, meta l-kapaċità ta' trażmissjoni transfruntiera jew limitazzjonijiet tekniċi oħra jipprevjenu lil Stat Membru mingħajr faċilitajiet ta' ħżin ta' gass taħt l-art milli juża bis-sħiħ 15 % ta' dawk il-volumi tal-ħżin, dak l-Istat Membru għandu jaħżen biss dawk il-volumi li jkun teknikament possibbli.";

(b) fil-paragrafu 2, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri mingħajr faċilitajiet ta' ħżin ta' gass taħt l-art għandhom juru li huma jikkonformaw mal-paragrafu 1 u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan.";

(c) fil-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) jiżguraw li, fi kwalunkwe mument bejn l-1 ta' Ottubru u l-1 ta' Diċembru, il-volumi tal-ħżin jikkorrispondu tal-anqas għall-użu medju tal-kapaċità ta' ħżin tul il-ħames snin preċedenti, iddeterminat, fost l-oħrajn, billi jitqiesu l-flussi matul l-istaġun tal-irtirar tul il-ħames snin preċedenti mill-Istati Membri fejn ikunu jinsabu l-faċilitajiet ta' ħżin; jew";

(d) il-paragrafu 6 huwa mħassar:

(5) *l-Artikolu 6d huwa emendat kif ġej:*

(a) *il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:*

"1. L-operaturi tas-sistema tal-ħżin għandhom jirrapportaw il-livell tal-mili, kif stabbilit skont l-Artikolu 6a, lill-awtorità kompetenti f'kull Stat Membru fejn ikunu jinsabu l-faċilitajiet ikkonċernati ta' ħżin ta' gass taħt l-art u, jekk applikabbli, lil entità nominata minn dak l-Istat Membru (l-"entità nominata").

2. L-awtorità kompetenti u, jekk applikabbli, l-entità nominata ta' kull Stat Membru għandhom jimmonitorjaw il-livelli tal-mili tal-faċilitajiet ta' ħżin ta' gass taħt l-art fit-territorju tagħhom fl-aħħar ta' kull xahar u jirrapportaw ir-riżultati lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed. L-awtorità kompetenti għandha tinkludi informazzjoni dwar il-parti tal-gass li toriġina mir-Russja u li tkun qed tinħażen f'dak l-Istat Membru fil-qafas tal-kapaċità ta' ħidma tal-faċilitajiet tal-ħżin, meta tali informazzjoni tkun disponibbli.

Il-Kummissjoni tista', meta xieraq, tistieden lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) tipprovdi assistenza għal tali monitoraġġ."

(b) *il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:*

- "4. Il-GCG għandu jassisti lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ tat-trajettorji għall-mili u fil-miri tal-mili, u għandu jiżviluppa gwida għall-Kummissjoni dwar miżuri adegwati biex jiġi żgurat allinjament aħjar f'każ li l-Istati Membri jiddevjaw mit-trajettorji għall-mili u jikkompromettu l-ilħuq tal-mira tal-mili, jew biex jiġi żgurat li l-mira tal-mili tintlaħaq. Fejn xieraq, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri biex tagħmel użu aktar effettiv mill-opportunitajiet offruti mill-mekkaniżmu ta' aggregazzjoni tad-domanda u xiri konġunt stabbilit skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2576*.*
- 5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jilħqu l-mira tal-mili u biex jinfurzaw fuq il-parteciċipanti fis-suq l-obbligi tal-ħżin li huma meħtieġa biex tintlaħaq il-mira tal-mili, inkluż billi jimponu sanzjonijiet u multi deterrenti biżżejjed fuq dawk il-parteciċipanti fis-suq. Dan huwa mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Kummissjoni li timmonitorja u tiżgura l-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, inkluż fl-għoti ta' assistenza jew gwida lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw dan il-paragrafu.";*

* *Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2576 tat-19 ta' Diċembru 2022 li jsaħħaħ is-solidarjetà permezz ta' koordinazzjoni aħjar tax-xiri tal-gass, parametri referenzjarji affidabbli tal-prezzijiet u skambji transfruntieri tal-gass (ĠU L 335, 29.12.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2576/oj>).';*

(6) *fl-Artikolu 17a(1), jiżdied il-punt li ġej:*

"(e) l-informazzjoni dwar il-parti tal-gass li toriġina mill-Federazzjoni Russa li qed tiġi maħżuna fil-faċilitajiet ta' ħżin tal-Unjoni, ipprovduta mill-Istati Membri meta disponibbli f'konformità mal-Artikolu 6d(2).";

(7) *jitħassar l-Artikolu 18a;*

(8) *fl-Artikolu 22 ■ , ir-raba' paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"L-Artikolu 2, il-punti (27) sa (31), l-Artikoli 6a sa 6d, l-Artikolu 16(3), l-Artikolu 17a, ■ l-Artikolu 20(4), u l-Anness Ib għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2027.";

- (9) *l-Anness Ia huwa mħassar;*
- (10) *l-Anness Ib huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"ANNEX Ib

Responsabbiltà kondiviża għall-mira tal-mili u għat-trajettorja għall-mili

Fir-rigward tal-mira tal-mili u tat-trajettorja għall-mili skont l-Artikolu 6a, ir-Repubblika Slovakkja u ċ-Ċekja jikkondividu r-responsabbiltà fir-rigward tal-faċilitajiet tal-ħżin ta' Dolní Bojanovice. Il-proporzjon eżatt u l-firxa ta' dik ir-responsabbiltà tar-Repubblika Slovakkja taċ-Ċekja huma soġġetti għal ftehim bilaterali ta' dawk l-Istati Membri.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 u f'konformità mal-Artikolu 11(6), il-punt (b), ir-Repubblika Slovakkja u ċ-Ċekja għandhom jiżguraw li, meta tiġi ddikjarata kriżi skont dan ir-Regolament, ma tiġi introdotta l-ebda miżura li taffettwa l-faċilità tal-ħżin ta' Dolní Bojanovice li x'aktarx tipperikola serjament is-sitwazzjoni tal-provvista tal-gass jew x'aktarx timmina l-kapaċità tal-impriżi tal-gass naturali li jfornu l-gass lill-klijenti protetti f'konformità mal-istandard nazzjonali tal-provvista tal-gass."

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
